# IL-FESTA T-TAJBA!

Darba minnhom, meta Sant'Antnin kellu 7 snin, missieru ordnalu biex flok imur il-knisja għall-quddiesa, joqgħod ixejjer xi qasba biex l-għasafar tal-bejt ma jiklulux il-qamħ li kien għadu jrid jinħasad. Ferdinandu, għax hekk kien jismu Sant'Antnin qabel ma sar patri, għamel ftehim mal-għasafar: huma ma jersqux lejn l-għalqa ta' missieru sakemm imur il-knisja u mbagħad wegħedhom li jagħtihom xi ħaġa tal-ikel wara l-quddiesa.

Din l-istorja tidher qisha leġġenda. U forsi hi wkoll. Imma l-moral tal-istorja hemm qiegħed. Fil-ħajja rridu nagħżlu l-aħjar, mingħajr ma nonqsu f'dak li huwa sekondarju. Bħalissa għaddejjin bil-festa, fuq medda ta' jiem. Ma ninsewx dak li huwa l-fulkru, is-sustanza u ċ-ċentru ta' kollox. Aħna l-festa nagħmluha biex nirrikonoxxu kemm hi sabiħa l-ħajja tal-martri Pietru u Pawlu li imitaw lil Ġesù sat-tixrid ta' demmhom.



Ippermettuli nsemmilkom xi affarijiet li jqarrbuna lejn il-patruni tagħna:

- Ħeġġu lit-tfal jieħdu sehem fil-quddiesa (tal-10:00am) u l-manifestazzjoni li għandhom das-Sibt.
- Tinsewx il-jumejn qrar fis-27 u t-28 ta' Ġunju. Issibu l-ħinijiet fuq il-programm.
- Das-sajf aqraw l-Atti tal-Appostli li kif qal sewwa Mons. Salv Pace fil-prietka tan-novena, huwa kollu kemm hu rakkonti dwar x'għamlu Pietru (kap1-12) u Pawlu (13-28) fil-Knisja tal-Bidu.
- Qaddsu l-Jum tal-Festa bi tqarbina u quddiesa mal-familja.
- Żgħażagħ: fit-28 ta' Ġunju fit-8:00pm għandkom quddiesa għalikom.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD!**

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI:

**IL-ĠABRA GĦALL-FESTA TA' ĠEWWA:** Sakemm morna għall-istampa, il-ġabra li għamilna bieb bieb għall-festa ta' ġewwa kienet ta' €12,469.65. Nirringrazzjaw lil kull min ta s-sehem tiegħu. Kien hemm tliet triqat li ma lħaqniex ġbarna fihom. Min irid jgħin, jagħti l-offerta lil xi saċerdot, jew iġibha fl-Uffiċċju Parrokkjali. Tistgħu anke titfgħu l-offerta fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju.

**ATTIVITÀ DUN FRANĠISK GRIMA:** nhar is-Sibt 2 ta' Lulju se nattendu għall-quddiesa f'għeluq il-50 sena saċerdozju ta' Dun Ġużepp Attard li se ssir fil-kappella ta' Kemmuna. Nitilqu fil-5:15pm minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 / 79923153 jew lil Ġuża fuq 21552326 / 99228906.

**MILL-PATRIMONJU NADURI:** Għadhom kemm ġew ippubblikati żewġ kartolini postali oħra mis-sensiela mill-Patrimonju Naduri biex jitfakkar il-mitt anniversarju mill-pussess tal-Arċipriet Kan. Anton Camilleri u l-mija u erbgħin sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Dawn jistgħu jinkisbu mingħand il-Kan. Dun Reuben Micallef matul dawn il-jiem.

**L-GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL LULJU:**
Il-Ħadd 3, 17 u 31 ta' Lulju mit-8:00am sas-1:00pm     It-Tlieta 12 ta' Lulju mill-10:30am sal-5:00pm
It-Tlieta 26 ta' Lulju mis-1:00pm sal-5:00pm.
*Il-karta tal-identità u maskra huma meħtieġa.*

**HAPPY FEAST EVERYONE AND LONG LIVE SAINT PETER AND SAINT PAUL!**

**ENGLISH CORNER**

25th June - Congratulations and happy 12th anniversary to our Archpriest Rev. Jimmy Xerri.
26th June - Caritas and Benefactors Day
27th June - 7:00pm - Triduum mass in celebration of all migrants and residents. Not to be missed; all are welcome.
28th June - 6:30pm - Eve of the Solemnity of St. Peter and St. Paul mass with Bishop of Gozo.
29th June - 9:00am - Liturgical Solemnity of St. Peter and St. Paul - Feast Day - with Bishop of Gozo.

Starting from July 3rd, the Holy Mass in English will resume at the Franciscan's Chapel at 10:15am. Everyone is welcome.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am     **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am     **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am